**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 11 ta' Mejju 2017**

**Pulizija**

**Spettur Geoffrey Azzopardi**

**Spettur Josric Mifsud**

**Vs**

**Matthew Dimech**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Matthew Dimech, 32 sena, bin Carmelo u Gaetana nee' Cachia, Pieta', nhar l-14 t'April, 1984, residenti fil-fond numru Flat 1, Southern Breeze, Triq il-Genista, Kalkara w/jew 4, International, Triq Giorgio Mitrovich, Msida w detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 206384M;

Talli nhar is-7 ta' Novembru 216, fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), quddiem il-Magistrat Dr. Aaron Bugeja LLD:

1) Fi proceduri kriminali, xjentement gab, dokument falz, u dan bi ksur tal-Artikolu 103 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Ta' xhieda falza fi proceduri kriminali dwar reat mhux imsemmi fl-artikolu 104, favur il-persuna mputata jew akkuzata, jgifieri tieghu stess, u dan bi ksur tal-Artikolu 105 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Halef falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem Ufficjal iehor li kellu s-setgha b'Ligi li jaghti l-gurament u dan bi ksur tal-Artikoli 108 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fis-7 ta' Novembru, 2016, u/jew fix-xhur/snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

4) Iffalsifika xi att li hemm fih ordni jew decizjoni tal-Gvern ta' Malta, iffalsifika decizjoni, digriet jew ordni ta' xi Ufficjal pubbliku, illi bih gie moghti xi jedd lil stess, inkella li bihom hu stess jigi mehlus fuq akkuza kriminali, w xjentement ghamel uzu minn dawn l-atti, decizjonijiet, digrieti jew ordnijiet iffalsifikati u dan bi ksur tal-Artikoli 170(1), 170(2) u 176 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) Xjentement ghamel uzu minn dawn is-sigilli, timbri jew marki w xjentement u minghajr awtorita' legittima kellu fil-pussess tieghu l-imsemmija oggetti u dan bi ksur tal-Artikoli 172(2) u 176 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6) Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija ghad-delitti hawn fuq imsemmija, tikkundanna lill-Matthew Dimech, il-piena tal-interdezzjoni generali, kif ukoll l-interdezzjoni milli Matthew Dimech iservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, w bhala perit, f'kull kaz li jkun u dan kif mahsub fl-Artikolu 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) Ukoll il-Qorti, minn barra milli tapplika l-piema skond i-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijie ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fil-11 ta' Mejju 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, din il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 103, 105, 108, 190, 170(1), 170(2), 172(2), 176 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tlitt snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna l-Interdezzjoni Generali tal-imputat ghal hames (5) snin ai termini tal-Artikolu 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**